MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2013

Appell Kriminali Numru. 276/2010

**Appell Nru.  276/2010**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**Vs**
**Isabelle Brincat**

**Illum 14 ta' Marzu, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 146570 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahrejn ta' Settembru u Novembru 2006 b'diversi atti ma]mulin b'riżoluzzjoni waħda

(a) forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet

ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellha fil-pussess tagħha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqas milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tagħha;

(c) u aktar talli fl-istess ċirksotanzi daħħlet jew ipprovat iddaħħal f'xi parti tal-konfini tal-ħabs mingħajr awtorita' leġittima, fis-Saint Michael's Ward ġewwa l-Isptar San Luqa liema struttura tagħmel parti mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, oġġetti li huma pprojbiti u cioe' id-droga eroina u dan bi ksur tal-artikolu 7(1)(2) tal-Kap 260 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti magħmula taħt l-istess Liġi u l-artikolu 18 tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta' Gunju, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u 29 tal-Kap. 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha b'dan pero` li t-tieni imputazzjoni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap. 9, u kkundannatha ghall-piena ta' prigunerija ta' sitt xhur u ghall-hlas ta' multa ta' €468, liema multa tista' tithallas b'rata ta' €30 kull erba` gimghat bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba` gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa.
Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata kif gej :
1. tikkonfermaha fil-parti fejn sabitha hatja u
2. thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
Illi dan huwa appell limitat ghall-piena. Huwa veru li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi. Huwa veru ukoll li l-prassi hi li l-piena mhux normali li tigi disturbata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Huwa minnu ukoll pero' li l-kwistjoni finalment tibqa' fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti tal-Appell Kriminali (la darba hemm appell) u huwa minnu ukoll li din il-Qorti ta' l-Appell

Kriminali, f'hafna okkazjonijiet, uzat din id-diskrezzjoni taghha sabiex tvarja l-piena jew sanzjoni inflitta u allura taggustaha minhabba li jkunu jezistu cirkostanzi idoneji.

Illi kif ser jigi ulterjorment sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-appellanti umilment temmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti. Hija issa ser tghaddi sabiex tippuntwalizza dawk il-fatturi (li jistghu ma jkunux ezawrijenti) li fil-fehma umli taghha jistghu jattiraw temperament fil-piena nflitta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti tirrikonoxxi mill-bidunett illi l-appellanta ghandha cirkostanzi socjali partikolari. Irrizulta illi dina zzewget persuna, Raymond Brincat, illi kien qed isofri minn dipressjoni. Wara z-zwieg dan l-istat kompla aggrava ruhu. Di più, wahda mill-ulied tal-koppja Brincat giet iccertifikata li tbaghti minn elementi ta' autistic spectrum disorder. F'dawn is-sitwazzjonijiet negattivi u difficli ghall-appellanti, irrikorriet ghall-alkohol. Sfortunatament b'karattru tant fragli f'sitwazzjoni emozzjonali difficli l-appellanta iltaqghet ma' persuna bl-isem ta' Reginald Bugeja, li ma kienx ta' karattru tajjeb u l-unika hsieb illi kellu kien illi jisfrutta s-sitwazzjoni difficli tal-appellanta sabiex jintruduciha fid-dinja tad-droga. Peress li dan Bugeja kien digà qed jiffaccja proceduri legali, f'okkazzjoni minnhom, fis-sebgha (7) ta' Ottubru tal-elfejn u hamsa (2005), ghaddiet droga fl-awla tal-Qorti lil Bugeja, però dina giet intercettata mill-pulizija. F'okkazjonijiet ohra, fit-tnax (12) ta' Dicembru tal-elfejn u hamsa (2005), fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu tal-elfejn u hamsa (2005), u bejn Settembru u Novembru tal-elfejn u sitta (2006) giet intercettata illi tghaddi d-droga lil Reginald Bugeja fil-habs civili ta' Kordin.

L-appellanta qatt ma kisret difrejha mal-ligi hlief f'dawn l-okkazjonijiet sforza tal-perzwazjoni u konvinciment ta' Reginald Bugeja illi kien ta' influwenza negattiva fil-hajja tal-appellanta. Din is-sitwazzjoni giet riflessa fix-xhieda u fir-rapport tal-ufficcjal tal-probation Marietta Lanzon, liema

rapport fih gabra ta' informazzjoni dwar ic-cirkostanzi tal-appellanta, minn xhiex ghaddiet u x'ghajnuna kellha u forsi ghad ghandha bzonn. L-appellanta giet infaccata b'erba' (4) citazzjonijiet diversi u separati ghal kull incident u l-Qorti kkundannat lill-appellanta ghal minimu possibbli ta' sitt (6) xhur u multa ta' erba' mija tmienja u sittin ewro (€468) ghal kull kawza.

L-appellanta qieghda titlob lill-Qorti sabiex turi hniena maghha u filwaqt illi tikkonferma l-parti tas-sentenza fejn sabet htija, teroga sanzjoni jew piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti tosserva però illi la l-Prosekuzzjoni ddecidiet illi tressaq b'citazzjoni ghal kull reat, il-Qorti necessarjament trid taghti sentenza separata f'kull kawza. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija kontra Joseph Galea" tat-3 ta' Novembru 1995, "din il-Qorti ma tistax tifhem x'seta' wassal lill-pulizija illi johorgu tlett (3) citazzjonijiet separati minflok citazzjoni wahda b'imputazzjoni ta' reat kontinwat li jkopri l-infrazzjonijiet ... Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax tordna li t-tlett (3) processi jew it-tlett (3) sentenzi digà moghtija jigu inkorporati fi process wiehed jew f'sentenza wahda – ebda dispozizzjoni tal-ligi ma tawtorizza li jsir dan. L-unika rimedju li tipprospetta l-ligi hu li jekk il-Qorti (li tista' tkun anke l-Qorti tal-Prima Istanza) tara li d-diversi infrazzjonijiet f'kawzi separati kellhom jigu trattati bhala reat kontinwat f'kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghac-cirkostanzi." U dak huwa proprju li se tipprova taghmel din il-Qorti peress illi fuq il-meritu ma hemmx kontestazzjoni u l-appellanta kellha tinstab hatja tar-reati addebiti lilha.

Ikkunsidrat:

Irrizulta illi mis-sentenza tal-Prima Istanza, il-Qorti rrikonoxxiet li l-appellanta kellha fedina penali nadifa, ghandha tibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap. 101 fil-massimu, ammettiet mill-ewwel u kkunsidrat id-dettalji li

hargu mix-xhieda tal-psikologi, kif ukoll ir-rapport tal-probation officer bir-rakkomandazzjonijiet tieghu. Madanakollu kkundannat lill-appellanta l-minimu possibbli ghal dawn ir-reati u cioé sitt (6) xhur prigunerija b'multa ta' erba' mija tmienja u sittin ewro (€468). Dan il-minimu però ma jikkontjenix il-beneficcju tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 illi l-ewwel Qorti qalet illi l-appellanta kellha tibbenefika.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija versus Jason Dimech" moghtija fil-11 ta' Lulju 1997 fejn gie deciz illi l-minimu applikabbli f'dik il-kawza ta' seba' (7) xhur prigunerija seta' bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 addirittura jinzel ghal minimu ta' xahrejn. Issa, f'dan il-kaz, trattondosi ta' minimu ta' sitt xhur ghall-ewwel imputazzjoni, bit-tnaqqis ta' zewg gradi, il-minimu tal-piena ghal dan ir-reat seta' addirittura jinzel sa xahar prigunerija (artikolu 31(1)(b)(xii) u (xiv). Il-piena ghar-reat ta' traffikar ta' eroina meta l-kaz jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati hija wahda ta' prigunerija mandatorja. U ghalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonsidra modalità ta' piena differenti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha bl-assorbimenti tal-pieni fejn dawn jirrikorru u fejn ikkundannat lill-appellanta ghall-multa ta' erba' mija tmienja u sittin ewro (€468) bil-modalità tal-hlas kif ordnat l-ewwel Qorti, u tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellanta ghal sitt (6) xhur prigunerija, u minflok bl-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap. 101 tikkundanna ghal piena ta' xahar prigunerija u l-hlas ta' multa ta' erba' mija tmienja u sittin ewro (€468) bil-modalità indikata u cioé li tista' tithallas ta' tletin ewro (€ 30) kull erba' (4) gimghat, bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba' (4) gimghat mil-lum.

Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc jithallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull hdax-il ewro u hamsa u sittin centemzu (€11.65c) li ma jithallsux.

Fl-ahharnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------